**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**

**vs.**

**Generoso sive Jimmy Sammut**

Numru: 46/2015

Illum il-hamsa (5) ta' Lulju 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Generoso sive Jimmy Sammut**, ta' wiehed u sittin (61) sena, bin Carmelo u Josephine neé Attard, imwieled Pietà, fil-24 ta' Frar 1954, u li joqghod f'32, Triq Ferdinand Hompesch, Siggiewi detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 203454(M)

akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-bini tal-Qorti fil-Belt Valletta fid-9 ta' Ottubru 2013:

1. halef falz f'materja civili u precizament fil-proceduri pendenti quddiem l-Onor. Imhallef Dr. Anthony Ellul LL.D. fl-ismijiet **Michael Fenech** ***nomine*** **versus Lawrence Ciantar** ***et nomine***;

2. kiser il-provedimenti tas-sentenza ta' liberta' taht kundizzjoni moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) – Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D., fit-23 ta' Mejju 2013, meta wettaq reat fi zmien il-perjodu ta' sentejn mis-sentenza, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

3. irrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba tapplika espressament il-piena ta' l-interdizzjoni generali.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 12).

Rat li, fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2015 (*a fol.* 60), l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol.* 94 *et seq*).

Semghet, fis-seduta tat-3 Dicembru 2015 (*a fol.* 101), lill-Prosekuzzjoni, lill-*parte civile* u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet uhud mix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni u mill-*parte civile*.

Semghet, fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2017, lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 131 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2018 (*a fol.* 156 *et seq.*), lix-xhud prodott mid-difiza.

Rat id-Digriet taghha tal-5 ta' Frar 2018 (*a fol.* 173 u 174).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tal-*parte civile* pprezentata fis-16 ta' Marzu 2018 (*a fol.* 175 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza pprezentata fl-14 ta' Mejju 2018 (*a fol.* 190 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2018, is-sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm da parte tal-Prosekuzzjoni u tal-*parte civile* (*a fol.* 200 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ulterjuri tad-difiza (*a fol.* 203 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2015, xehdet **Eunice Grech Fiorini** (*a fol.* 17 *et seq.*) in rapprezentanza tar-Registratur tal-Qorti Civili u Tribunali fejn ezebiet bhala Dok. "EGF" (*a fol.* 21 *et seq.*) kopja legali tax-xiehda moghtija minn Generoso Sammut f'Ottubru 2013 fil-kawza fl-ismijiet **Michael Fenech *noe* vs. Lawrence Ciantar *noe*** mismugha mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili preseduta mill-Imhallef Anthony Ellul. Ezebiet ukoll affidavit ta' Generoso Sammut li gie pprezentat b'Nota mill-atturi Michael Fenech *noe* fl-imsemmija procedura, liema affidavit gie mmarkat bhala Dok. "EGF 1" (*a fol.* 23 *et seq.*), u liema affidavit kien jinsab fil-kawza **HSBC Bank Malta plc vs. Tal-Barrani Company Limited et** li kienet qed tinstema quddiem l-Imhallef Joseph R. Micallef. Ezebiet ukoll bhala Dok.

"EGF 2" (*a fol.* 29) vera kopja ta' digriet moghti mill-Imhallef Anthony Ellul fil-15 ta' April 2014 sabiex l-imputat jigi nvestigat dwar tehid ta' gurament falz.

**Eunice Grech Fiorini** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-15 ta' April 2015 (*a fol.* 65 *et seq.*) fejn ezebiet bhala Dok. "LGF" (*a fol.* 67 *et seq.*) kopja legali tax-xiehda moghtija minn Generoso Sammut fid-9 ta' Ottubru 2013 fil-kawza fl-ismijiet **Michael Fenech *noe* vs. Lawrence Ciantar *noe*** mismugha mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili preseduta mill-Imhallef Anthony Ellul.

**Eunice Grech Fiorini** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2015 (*a fol.* 103 *et seq.*) fejn ezebiet kopja ta' affidavit ulterjuri pprezentat fil-kawza numru 519/88 fl-ismijiet **Michael Fenech *noe* vs. Lawrence Ciantar** u kif ukoll ta' digriet tal-15 ta' April 2014. Dawn gew immarkati bhala Dok. "EF 1" (*a fol.* 106 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2015, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Rennie Stivala** (*a fol.* 30 *et seq.*) fejn spjega x'wassal sabiex jigu ntavolati l-proceduri odjerni fil-konfront tal-imputat. Apparti li jaghmel riferenza ghad-digriet moghti mill-Imhallef Anthony Ellul fil-15 ta' April 2014 (Dok. "EGF 2" – *a fol.* 29), jghid li l-ahwa Fenech ipprezentaw kwerela datata 1 ta' Ottubru 2014 biex issir investigazzjoni minn naha tal-Pulizija dwar l-istess mertu. Jghid li baghat ghall-ahwa Fenech li qalulu li kienu ilhom jafu lil Generoso Sammut u li kienu ghamlu diversi negozji mieghu u li kien hemm negozju partikolari li kien ghadu mertu ta' kawza civili. Jghid li skond l-ahwa Fenech, Sammut ma kienx qal il-verita' meta xehed li huwa ma kienx jafhom u dana minkejja li gie mistoqsi mill-Imhallef stess. Jghid li l-imputat irrilaxxa stqarrija fil-25 ta' Novembru 2014, liema stqarrija tinsab *a fol.* 9 *et seq.* Jghid: *"Jiena spjegajtlu x'kienet l-akkuza fil-konfront tieghu, kienet interrogazzjoni mhux tas-soltu ghal fatt illi waqt li konna qeghdin nitkellmu, just qed naghmillu domandi verbali s-Sur Sammut lili rrispondini ghal kollox u spjegali kollox. Jiena lilu staqsejtu, ghidtlu: Ismaghni, dawn naqblu illi t-tnejn li huma, kemm l-Affidavit li pprezentajt inti stess mahluf il-Qorti?, qalli: Iva, dak ghamiltu jiena, l-kontenut tieghu jaf x'inhu, qalli: Pero' dak mertu ta' kwistjoni*

*ohra ma jistghux ikunu flimkien. Ghidtlu: Pero' naqblu li l-ahwa Fenech huma l-istess ahwa Fenech? Qalli: Iva. Ghidtlu: Mela allura l-istess xiehda tieghek illi int tajt wara ftit taz-zmien qabel ma kellimtu jiena, ghidtlu: ghalfejn tajtha b'dak il-mod? Qalli: Ghax jiena deherli la kelli nohrog infuh u lanqas ninten f'dik il-kawza allura ghandi nitkellem hekk. Ghidtlu: Imma dana l-Imhallef talab halli tigi nvestigat minhabba li inti ghandek opposing versions fl-istess kawza […] Qalli: Pero' m'ghandux ghalfejn jindahal jiena kif nitkellem fl-Awla"* (*a fol.* 31-31). Jghid li minkejja li l-imputat kien spjega kollox verbalment, meta giet biex tigi miktuba l-istqarrija tieghu, l-imputat ghazel li ma jirrispondiex. Ezebixxa erba' sentenzi li gew immarkati bhala Dok. "RS" sa "RS 3" (*a fol.* 36 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2015, xehed **Michael Angelo Fenech** (*a fol.* 50 *et seq.*) fejn spjega li hemm kawzi qed jinstemghu kontra l-Enemalta u kontra l-"Mediterranean Offshore Bunkering Company Limited" li jirrigwardaw zejt. Jghid li huh Alfred Fenech kien qed jigi nfurmat minn numru ta' nies li r-raguni ghala l-licenzji kienu mwaqqfin kienet ghax Ninu Zammit kien qed jghid li Mintoff kien shab mieghu (ma' Michael Angelo Fenech) fin-negozju. Jghid li f'wahda minn dawn il-kawzi (u jghid li hemm xi ghaxra) l-imputat qal li ma lilhom ma jafhomx. Jghid: *"Beda jghid lill-Imhallef li lilna ma jafniex: la lili, la lil hija u l-inqas lit-tifel ta' hija"* (*a fol.* 51). Jispecifika li l-Imhallef kien Anthony Ellul. Jghid li rrifjuta li jaghmel il-*voice recognition* ta' xi *tapes* li huh (hu Michael Angelo Fenech) kien irrekordja. Jghid li nforma lill-avukat tieghu Dr. Rachel Montebello li l-imputat kien ghamel affidavit f'kawza ohra fejn l-imputat kien qal li jafhom. Jispjega li dan gie mghoddi lill-Imhallef Ellul li aktar tard ta digriet u dana apparti li Dr. Montebello kitbet lill-Kummissarju tal-Pulizija. Ikkonferma li l-affidavit huwa dak fil-kawza 530/02 JRM (Dok. "EGF 2" – *a fol.* 23 *et seq.*). Jixhed: *"Lis-Sur Sammut jien ilni nafu bejn hamsa u tletin (35) u erbghin (40) sena ghax dana miz-Zejtun, il-familja jghidulha ta' Kejli, kienu jbieghu l-pitrolju u ahna konna naghtuhom il-pitrolju biex ibieghuh"* (*a fol.* 53). Jghid ukoll: *"Barra minn hekk, ghandhom farm ukoll kwazi vicin mal-farm taghna, li kellna ahna u barra minn hekk f'xi two thousand three (2003), two thousand (2004) xi haga hekk kien dejjem icempilli u kien kwazi jiltaqa' mieghi l-Qorti kuljum fuq dan id-deal li qed isemmi fl-Affidavit din il-bicca art li kien qieghed jaghmilha ta' sensar*

*mac-Caqnu"* (*a fol.* 53). Mistoqsi jghid fuq liema livell jitkellmu meta jitkellmu, jghid li jitkellmu fuq livell ta' hbiberija. Jghid li hu (Michael Angelo Fenech) kien prezenti fl-awla quddiem l-Imhallef Ellul meta l-imputat qal li ma jafhomx. Jixhed li dakinhar l-Imhallef stess beda jistaqsi lill-imputat jekk jafhomx u li l-Imhallef beda juri lilu, lil huh u lil Michael Fenech (it-tifel ta' huh) fl-awla u l-imputat irrisponda li ma jafhomx. Jghid ukoll li minhabba l-fatt li l-imputat qal li ma jafhomx huwa qed jipprova jgib li dak li ntqal fuq it-*tapes* mhux minnu u b'hekk huma jistghu jitilfu l-kawza.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2015, xehed ukoll **Alfred Fenech** (*a fol.* 56 *et seq.*) fejn ikkonferma li ntalab li jigi nvestigat l-imputat. Huwa jaghmel riferenza ghal *tapes* koncernanti allegazzjonijiet li saru fil-konfront tieghu u ta' huh u li waslu biex l-Enemalta twaqqafhom mix-xoghol. Jghid li meta kienu quddiem l-Imhallef Ellul u l-imputat gie mistoqsi jekk jafhomx, l-imputat wiegeb fin-negattiv. Jghid li dan ma kienx minnu. Jghid: *"Jien ghidt illi dak kien it-tejpjat hu u nafu u jafni"* (*a fol.* 57). Jghid li lill-imputat ilu jafu mis-snin sebghin. Jghid: *"meta kellna bicca art tal-concrete kien imdahhal hu u ahna fil-kumpanija kien sensar u dak iz-zmien kont miksur ma' hija fuq in-negozju, qalli kien gie l-farm, qalli sibt lic-Caqnu maghruf bhala c-Caqnu Paul Polidano, qalli u taghkom xi miljun taghha. Qalli int tiffirma, ghidtlu mhux niffirma jiena, imma jrid jiffirma hija. Ghidtlu kellem lil hija u jekk hija jaqbel mieghi lest li niffirma"* (*a fol.* 57). Jghid li meta l-imputat qal li ma jafhomx, huma gew mpoggija f'sitwazzjoni fejn qed jixhdu hazin.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' April 2015, xehed **PS 476 Shaun Paul Friggieri** (*a fol.* 70 *et seq.*) fejn spjega li fil-25 ta' Novembru 2014 gie msejjah l-imputat sabiex jigi nterrogat. Jghid li meta gie mitkellem l-imputat, fil-bidu tal-konverzazzjoni l-imputat spjega li lill-ahwa Fenech cioé Michael u Alfred Fenech kien ilu jafhom bejn wiehed u iehor xi hamsa u tletin (35) sena. Jghid li l-imputat spjega wkoll li kien hemm xi affadavit ippreparat minnu fil-konfront ta' certu persuna msejjah bhala l-*Lay Lay* fejn spjega li dak kien ghamlu hu fejn go fih kien hemm imnizzel li jaf lill-ahwa Fenech. Jixhed li meta l-imputat giet biex tittehidlu l-istqarrija, l-imputat iddecieda li ma jwiegeb assolutament xejn. Jixhed: *"Waqt l-interrogazzjoni spjega*

*wkoll li dan la jrid jinten u lanqas ifuh. Meta gie mistoqsi imma ghala qed jghid illi ma jafhomx, kif ukoll li l-Magistrat m'ghandux ghalfejn ikun jaf li dan jafhom jew ma jafhomx. Ghalih ma taghmillux differenza jekk jafhomx jew le"* (*a fol.* 71).

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2015, xehed l-**eks Agent Kummissarju Raymond Zammit** (*a fol.* 75 *et seq.*) fejn spjega li f'nofs iz-zmien meta kien jokkupa l-Kariga ta' Agent Kummissarju u cioé minn nofs Lulju 2014 sa Dicembru 2014 kien gie mitlub biex jigi mitkellem mill-imputat fejn, fost l-ohrajn, l-imputat qallu fuq certu informazzjoni fuq numru ta' persuni, fosthom persuna li tissejjah Barbarossa, li skond l-imputat, hu (Zammit) kellu juza. Jghid li ghalih kien kollox gdid u li l-imputat ma kienx qallu x'jismu dak li jissejjah Barbarossa. Jghid li qallu li dan il-persuna kien involut f'diversi kazijiet u minkejja li ghamel l-indagini tieghu, ma wasal imkien. Jghid li l-imputat semma li kien hemm xi hadd illi offra l-flus biex jaghmel xi haga. Mistoqsi jghid x'kienet din ix-xi haga, wiegeb: *"Jekk m'iniex sejjer zball kienet xi haga tahraq hafna fuq xi hadd biex jehles minnu. Xi haga hekk kienet"* (*a fol.* 78). Mistoqsi jghid jekk kienx jaf lill-imputat, wiegeb: *"Lanqas qatt ma kont rajtu b'ghajnejja"* (*a fol.* 78).

| | |
|---|---|
| Qorti: | *"Issa inti qed tghid l-offerta saret direttament lilu [lill-imputat] ghax qabel qatt ma ghidniha din* |
| Difiza: | *Lilu, lilu, lilu lil Generoso.* |
| Qorti: | *Mela qed tghid li Barbarossa offra xi ghoxrin elf (20,000) lil Generoso Sammut biex jelimina lil xi hadd li ftit wara fil-fatt sparawlu.* |
| Difiza: | *Sparaw fuqu.* |
| Qorti: | *Sparaw fuqu, mhux mejjet din il-persuna, sparaw fuqu.* |
| Xhud: | *Zgur li le, almenu zgur ma niftakarhiex u qieghed bil-gurament, zgur ma niftakarx li kienet hekk.* |
| Difiza: | *Jew inkella forsi…* |
| Xhud: | *M'ghandi l-ebda diffikulta' nghidha kieku zgur.* |
| Qorti: | [….] *Din id-domanda sur Zammit, jekk Generoso Sammut qallekx illi dan Barbarossa lilu offrielu somma flus biex jelimina persuna ohra?* |

Xhud: *No, zgur ma semmiex lilu, semma somma flus pero' la semma lilu.*

Qorti: *Hu se jmur jaghmel hsara lil din il-persuna l-ohra?*

Xhud: *No zgur li le.*

Difiza: *U biex nidentifika issa s-suppost target, qed nitkellmu fuq wiehed Fenech biex jispara lil hu stess Fenech iehor.*

[…]

Difiza: *Barbarossa huwa Alfred Fenech, issa dan Alfred Fenech detto ghal Barbarossa suppost offra ghoxrin elf (20,000) Maltin lil Generoso Sammut biex jelimina lil huh li issa ha nghidlek x'jismu wkoll jismu Michael Fenech pero' anke ha nghidlek anke l-laqam tieghu l-Kelly.*

Xhud: *Qatt ma ssemma mieghi le, kieku nghidlek, kieku nghidha s-sekwenza hu"* (*a fol.* 79-80).

L-**eks Agent Kummissarju Raymond Zammit** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2015 (*a fol.* 83 *et seq.*) fejn spjega li meta kellmu l-imputat kien jokkupa l-kariga ta' Agent Kummissarju. Spjega li min noti tieghu rrizulta li minkejja li d-darba ta' qabel semma s-somma ta' ghoxrin elf (20,000), huwa nizzel is-somma ta' ghaxart'elef (10,000). Jghid li n-nota li nizzel kienet is-segwenti: *"Leli Zammit/Killer/Barbarossa vs. huh"* (*a fol.* 84). Ezebixxa n-nota li giet immarkata bhala Dok. "RZ" (*a fol.* 90). Mistoqsi jghid jekk issemmiex lil Kelly, wiegeb li qatt ma jaf li semghu ghax altrimenti kien inizzlu. Mistoqsi jghid jekk l-ismijiet Alfred Fenech u Michael Angelo Fenech jfakkruhx f'xi haga, wiegeb fin-negattiv. Jghid li lanqas dawn l-ismijiet ma jidhru mnizzlin fin-nota tieghu. Mistoqsi jghid jekk jiftakarx li l-imputat kien qallu li xi hadd offrielu somma ta' flus biex joqtol lil xi hadd iehor, u wara ftit taz-zmien dak ix-xi hadd iehor kienu sparaw fuqu b'arma li l-imputat kien qallu xi haga fuqha wkoll, wiegeb: *"Le jien ma niftakarhiex zgur […]. U nemmen ukoll illi kieku xi haga kienet hekk nahseb kont innizzel xi punt ta' riferenza fuqha, nahseb"* (*a fol.* 86).

In <u>kontro-ezami</u> jispecifika li l-laqgha saret fis-sena 2014 u li prezenti kien hemm l-imputat, hu u Dr. Azzopardi. Jghid li ma jafx

x'jismu dak imsejjah bhala Barbarossa. Jghid li ma semghax lill-imputat jghid li s-sigurta' ta' xi hadd kienet f'riskju.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2015, id-difiza ezebiet dokument li jinghad li hu affidavit ta' Generoso Sammut li gie mmarkat bhala Dok. "TA" (*a fol.* 92 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Frar 2016, xehed **Michael Fenech** (*a fol.* 122 *et seq.*) fejn filwaqt li spjega li huwa iben Alfred Fenech, jghid li Michael Angelo Fenech huwa zijuh. Jghid li lill-imputat ilu jafu mindu hu (Michael Fenech) kien ghadu zghir hafna. Jghid: *"Naf li l-familja tieghi kienet tforni lill-familja tieghu prodotti tal-fuel pitrolju peress li l-papa tal-akkuzat kien ibiegh il-pitrolju f'diversi lokalitajiet fis-south ta' Malta"* (*a fol.* 122). Jghid li ilu jafu mindu kellu hames snin. Jghid li missieru u zijuh kienu fin-negozju taz-zejt u ghandhom numru ta' kawzi kontra l-Enemalta peress li kienu gew imwaqqfa b'mod ingust milli joperaw. Jghid li f'kawza minnhom li kienet qed tinstema' quddiem l-Imhallef Anthony Ellul, l-imputat kien gie mistoqsi diversi drabi mill-Imhallef jekk lilhom kienx jafhom, u l-Imhallef sahansitra pponta lejhom, u l-imputat cahad li jafhom. Jghid: *"Jafna sew. Sahanistra anki niftakar ghandi mnizzel notamenti ghax niehu notamenti fis-16 ta' Mejju tat-2013 iltqajna l-Belt rigward appuntu anki waqafna nitkellmu konna qeghdin quddiem fejn it-Teatru imwaqqa'. Konna jien u z-ziju rrid nghid"* (*a fol.* 123). Jaghmel riferenza ghal bicca ta' art sostanzjali li kienet qed tinbiegh lil Charles Polidano maghruf bhala c-Caqnu fejn is-sensar li laqqa' dan in-negozju kien l-imputat. Jghid li l-imputat kien gie mitlub jaghmel affidavit f'kawza partikolari fejn f'dan l-affidavit l-imputat jghid li fl-2004 kien ilu jafhom hamsa u tletin sena. Ikkonferma li l-affidavit huwa dak li jinsab *a fol.* 25 *et seq.*. Mistoqsi jghid jekk jafx dwar l-ammonti mertu tal-kawzi civili li fiha xehed l-imputat, jghid li hemm diversi ammonti maqsumin f'kumpaniji pero' globalment il-kumpaniji qed ifittxu ghal danni ta' *"in excess illum of eight hundred million Euros"* (*a fol.* 124). Meta saritlu riferenza ghat-tielet paragrafu tad-dokument *a fol.* 92, filwaqt li jghid li Alfred Fenech huwa missieru, jghid li dak li hemm miktub hija gidba kbira. Jghid: *"In the 1980s u l-imputat, l-akkuzat mhux vera kellu fifteen years ghax*

*fin-1992 jien nassumi li llum l-akkuzat ghandu fuq is-sixty, fin-1982 l-akkuzat kellu around thirty"* (*a fol.* 124).

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2017, xehed l-imputat **Generoso sive Jimmy Sammut** (*a fol.* 131 *et seq.*) minn jeddu u b'mod volontarju. Jghid li lil Fenech u lil Freddie ilhom jafhom madwar hamsin sena. Jghid li Freddie huwa mlaqqam il-Barbarossa u jghid li ilu jafu peress li kien igibilhom l-pitrolju z-Zejtun meta kellhom l-pompa u hu (Sammut) kien ghadu zghir. Jghid li wara li kien ghadda z-zmien kien sar jaf li Freddie kien inqabad bi trakk mimli armi l-Ingilterra. Jghid ukoll li Freddie kellu problema ma' huh il-Kelly u jghid li kienu ilhom miggieldin s-snin u li Freddie darba minnhom qallu li lil Kelly ried jaghmillu xi haga. Spjega li offrielu ghoxrin elf Lira Maltin (Lm20,000) biex joqtol lil huh u hu (Sammut) qallu biex jitlaq il-barra. Jghid li wara kien sema li saret sparatura fuq Kelly. Jghid li t-tifel ta' Freddie kien qallu li kien ser ikollu jitla' jixhed f'kawza tal-art u hu (l-imputat) qallu biex ma jtellaghux jixhed. Jghid: *"peress li kont naf x'gara u x'kien ghaddej bejniethom dawn u qalli x'ried jaghmillu u kif u come, jiena bdejt ntella' u nnizzel insomma. U meta jien din l-affari mbaghad kont ghidt lil Dott. Tonio, le le jien meta tlajt nixhed l-Imhallef Ellul bqajt ninsisti li dawn ma nafhomx imma jien ir-raguni li ghidt ma nafhomx, jien nafhom ghax kelli dik il-biza' kbira li hu dan ha jaghmilli bhalma jaghmel lil huh ghax dan biex tasal biex tispara fuq bniedem, tasal biex taghmel kollox, biex toqtol bniedem"* (*a fol.* 132). Jixhed li kellem lil Dr. Tonio Azzopardi u sar appuntament urgenti mal-Agent Kummissarju Ray Zammit u qallu bl-istorja. Jghid li kien sema li Alfred Fenech kien inqabad b'xi trakk mimli armi jew xi haga simili minn ghand ommu. Mistoqsi dwar meta Freddie kien mar ghandu d-dar u qallu x'ried minnu, jghid li jahseb kien fis-sena 1997. Jghid li kien fis-sena 1998 li sema bl-isparatura li sehhet fil-Madliena u li kien fil-mira taghha Kelly. Jghid li meta xehed quddiem l-Imhallef Anthony Ellul ma riedx ikollu x'jaqsam kemm ma' wiehed u anqas mal-iehor. Jghid: *"ghax jien kelli biza' kbira dan li nispicca bit-tir bhalma spicca huh ghal dik ir-raguni, dik il-biza' li kelli jien"* (*a fol.* 135). Mistoqsi jghid jekk jafx jekk wara li saret dik l-isparatura tal-Madliena, kienux ittiehdu xi proceduri kriminali kontra xi hadd, wiegeb: *"Iva l-ewwel attentat kienu ttiehdu kontra certu wiehed Leli Zammit, imbaghad it-tieni darba li sparawlu ma jidhirlix li*

*ttiehdu, imma fuq ta' Leli dak ittiehdu passi imma t-tieni darba, jiena li kont it-tieni darba"* (*a fol.* 136). Jghid li t-tieni darba kienet ezatt qabel ma xehed. Jghid li pprezenta rikors bil-gazzetti u li beza' jkun mhedded bhalhom. Ikkonferma li kien laqqa' lil Fenech u lil Charlie Polidano.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li lill-Imhallef Ellul qallu li ma kienx jafhom, *"ir-raguni li ghidt li ma kontx nafhom ghax kelli l-biza' li dan seta' jaghmilli hekk lili bhal huh"* (*a fol.* 138). Jghid li kien ilu jafhom hamsin sena. Jikkonferma li l-Imhallef Ellul gibidlu l-attenzjoni dwar konsegwenzi serji jekk hu jibqa' jixhed b'certu mod u jghid: *"Imma jien x'interess kelli jien!"* (*a fol.* 138). Jghid ukoll: *"Gibidli l-attenzjoni Sur Magistrat imma jien ma kellix interess li nixhed la wiehed u anqas l-iehor"* (*a fol.* 138). Jghid li dakinhar kellu l-biza' u li lill-Imhallef ma qallux li kellu l-biza'. Jghid ukoll li ghas-seduta ma kellux avukat mieghu u li ma talab l-ebda forma ta' protezzjoni – la minn ghand il-Qorti u anqas minn ghand il-Pulizija. Jghid li nforma lill-Pulizija meta kienet diga saret l-isparatura u jixhed: *"jien ma ridtx li nigi martri bhalma kien ser jigri lil huh, dik kienet ir-raguni li jien quddiem l-Imhallef li jien ghidt ma nafhomx"* (*a fol.* 139). Jghid li meta kellem lil Dr. Tonio Azzopardi rigward l-isparatura kien diga tela' jixhed fil-proceduri quddiem l-Imhallef Ellul.

| | |
|---|---|
| Dott Magri: | *"Taqbel mieghi li mhux talli lhaqt xehdet quddiem l-Imhallef Ellul, talli kienu sahansitra hargulek dawn l-akkuzi, jigifieri inti kont taf li ha titressaq fuq dan l-akkuzi?.* |
| Xhud: | *U zgur li ma kontx naf jien. X'interess kelli jien li nigi mharrek fuq gurament falz dik hi l-verita' li ghidt jien il-verita' u la ha tbiddilili inti b'dan it-tghawwig dik il-verita'!"* (*a fol.* 140). |

Ikkonferma li l-Imhallef Ellul irripeta diversi drabi li kellu bzonn jghid il-verita' u li hu kien qal li ma kienx jaf kemm lil Kelly u kif ukoll lil Alfred Fenech li kienu pprezenti fl-awla. Jghid li ma kellux interess li jixhed. Jghid li Alfred Fenech kien igibilhom il-pitrolju darbtejn fil-gimgha. Jikkonferma li ilu jafhom snin – mindu kien

tifel. Mistoqsi dwar is-somma li gie offrut jghid li, jekk jiftakar sew, kienu ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000). Ghad-domanda: *"U inti ghidt li ghoxrin elf lira Maltin lil Assistant Kummissarju wkoll?"* (*a fol.* 143), wiegeb: *"Ma niftakarx, la naf li ghidtlu ghaxra u lanqas ghoxrin miniex cert"* (*a fol.* 143). Mistoqsi jghid jekk hassx il-bzonn li jmur ghand il-Pulizija meta sema li saret l-isparatura, wiegeb: *"U zgur li le ghax jien li jinteressani jien f'din il-bicca xoghol tal-Barbarossa meta jien ircevejt il-karta, ghamilt il-homework ta' kollox u rrizulta li veru kien hu kien involut hu dirett li ried joqtol lil huh"* (*a fol.* 144). Ghad-domanda: *"Jigifieri inti beda jinteressak meta inti rcevejt it-tahrika minn hemmhekk beda jinteressak, il-bqija?"* (*a fol.* 144), wiegeb: *"Le kont naf jien qabel imma x'interess kelli jien li mmur niggakbinah mal-Pulizija? Dik meta tkellimt mal-avukat sewwa tieghi, imbaghad"* (*a fol.* 144). Ma jiftakarx li ltaqa' ma' Michael Fenech (it-tifel ta' Alfred Fenech) fejn it-teatru l-imwaqqa'. Jghid li meta Michael Fenech qallu li kien ser itellghu bhala xhud u hu (l-imputat) qallu li hu (l-imputat) mhux ser jixhidlu ghax ma kellux interess dan gara fil-Qorti u mhux hdejn it-teatru l-imwaqqa'. Jghid li jaf lil Michael Fenech ghax ikun ma' missieru. Jghid li ilu jafu madwar ghoxrin sena. Jghid: *"il-punt tieghi huwa dan illi jien ma ridtx nixhed ta' Alfred u Barbarossa u l-iehor ghax naf, nafhom u nafhom sewwa lil dawn, dawn ma nafhomx il-bierah inti tafhom ftit snin, jien dawk ili nafhom … antik hafna u jien ma rridtx nirriskja hajti minhabba n-nies li tieghu m'ghandhiex x'naqsam"* (*a fol.* 146). Ikkonferma li lill-iSpetur Rennie Stivala kien qallu li hu ma riedx johrog ifuh u lanqas jinten. Ghad-domanda mill-iSpettur Stivala: *"Ara tiftakarx li inti lili ghidtli verbalment pero' ma kinitx imnizzla fl-istqarrija ghax ma ridtx tnizzilha, nippreferi nixhed il-falz hemm milli nohrog ninten ma' parti minnhom milli jkolli problemi ma' parti minnhom? Tiftakar?"* (*a fol.* 147), wiegeb: *"Ma niftakarhiex"* (*a fol.* 147).

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2017, id-difiza ezebiet dokument li gie mmarkat bhala Dok. "X" (*a fol.* 150 *et seq.*) li l-Prosekuzzjoni u l-*parte civile* ma kellhomx oggezzjoni ghalih. Dan id-dokument jikkontjeni depozizzjoni moghtija mill-Eks Agent Kummissarju Raymond Zammit fl-10 ta' Jannar 2017 quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fejn Zammit qal li kien iltaqa' ma' Generoso Sammut in segwitu tal-fatt li kien cempillu Dr. Tonio Azzopardi.

Jghid li Sammut semmielu diversi kazi u anke ismijiet ta' xi nies. Jghid li darba biss ltaqa' ma' Sammut.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2018, xehed **Michael Axisa** (*a fol.* 156 *et seq.*) fejn qal li ilu jaf lill-imputat u jghid li l-imputat kien qallu biex jara kif jaghmel biex iqallghu lira senserija u jghid li hu (Axisa) baghtu bhala sensar fuq bicca negozju illi kienet tieghu u ta' Fenech Estate pero jghid li n-negozju ma sarx. Mistoqsi jghid jekk l-imputat jafx lis-sinjuri Fenech, wiegeb: *"Ma nafx jien huma gie li semmew ismu mieghi u hu gie li semma' isimhom l-ahwa Fenech mieghi"* (*a fol.* 157). Filwaqt li jikkonferma li l-imputat kien qallu li kellu xi haga l-Qorti ma' Fenech, jghid li ma jiftakarx x'inghad dwar il-kawza. Jghid: *"Deher inkwetat ghax kienu qed jaghtuh hard-time qalli"* (*a fol.* 158). Mistoqsi jghid jekk issemmielux diskors rigward xi theddid jew riskju, jghid: *"Ma jidhirlix taf"* (*a fol.* 158).

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-<u>istqarrija</u> (*a fol.* 9 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Rennie Stivala, liema stqarrija giet rilaxxata fil-25 ta' Novembru 2014 wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat ta' fiducja tieghu u huwa rrinunzja ghal dan id-dritt, l-imputat ghazel li ma jwegibx ghad-domandi kollha li sarulu ghajr ghad-domanda: *"Li kieku inti fix-xiehda tieghek ta' Ottubru 2013 ghidt li taf lill-ahwa Fenech, x'kien se jibdillek?"* (*a fol.* 10), fejn l-imputat wiegeb: *"Ma rridtx ninten u lanqas infuh"* (*a fol.* 10). Il-Qorti tinnota li din l-istqarrija ma gietx iffirmata mill-imputat.

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**
Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni**
**(Halef Falz f'Materja Civili):**

Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qieghed jigi akkuzat li halef il-falz f'materja civili u precizament fil-proceduri quddiem il-Qorti

Civili Prim'Awla fil-kawza fl-ismijiet **Michael Fenech *noe* vs. Lawrence Ciantar *et noe*** preseduta mill-Imhallef Anthony Ellul u dana in segwitu tad-depozizzjoni moghtija mill-imputat fil-kawza msemmija fid-9 ta' Ottubru 2013. Fil-15 ta' April 2014, il-Qorti Civili msemmija ordnat li numru ta' dokumenti jigu notifikati lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex l-imputat jigi investigat dwar gurament falz (*Vide* Dok. "EGF 2" (*a fol.* 29). Da parte tieghu, l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Rennie Stivala jghid li l-ahwa Fenech ipprezentaw kwerela datata 1 ta' Ottubru 2014 biex issir investigazzjoni minn naha tal-Pulizija dwar l-istess mertu.

Illi l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat tal-ispergur u dana a tenur tal-Artikolu 106 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-Kodici Kriminali taghna nsibu ukoll Artikolu 108. Id-distinzjoni bejn dawn iz-zewg dispozizzjonijiet tal-ligi hija cara. Filwaqt illi l-ewwel wiehed jikkontempla r-reat hekk imsejjah *judicial* jew *legal perjury*, it-tieni wiehed jitkellem dwar 'l hekk imsejjah *extra-judicial perjury*. Ghalhekk l-ewwel reat ipotizzat huwa r-reat tal-gurament falz li jittiehed fil-kors ta' kawza pendenti quddiem Qorti. L-Artikolu 106 jitkellem dwar l-ispergur fil-kawzi civili li huwa distint minn dak li jsehh fil-kawzi kriminali. Id-distinzjoni bejniethom hija biss ghal dak li jirrigwarda l-piena u dana peress illi l-elementi li jsawru r-reat tal-ispergur huma identici ghaz-zewg istanzi.

Artikolu 106 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra s-segwenti:

> "(1) Kull min jagħti xiehda falza f'materja ċivili, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.
>
> (2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) jgħoddu għal kull persuna li, bħala parti f'kawża ċivili, taħlef il-falz.
>
> (3) Kull min jagħmel affidavit falz, kemm jekk f'Malta kemm jekk barra minn Malta, waqt li jkun jaf li dak l-affidavit ikun meħtieg jew maħsub għal proceduri civili

f'Malta, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena msemmija fis-subartikolu (1)".

Illi Artikolu 106 tal-Kapitolu 9 jipotizza tlett istanzi ta' spergur fi proceduri civili u cioé l-ispergur mix-xhud, l-ispergur minn persuna li hija parti fil-kawza civili u l-affidavit falz. Illi m'hemmx dubju illi f'dina l-kawza lill-imputat qed jigi addebitat lilu r-reat li huwa nkwadrat fis-subinciz wiehed ta' dana l-Artikolu tal-ligi.

Dana r-reat ilu jezisti fil-ligi sa mill-promulgazzjoni tal-kodici penali taghna u cioé sa mit-30 ta' Jannar 1854. Sussegwentment saru xi emmendi zghar ghar-rigward tal-piena u ricentement meta bl-Att III tal-2002 gie mizjud is-subinciz tlieta in konnessjoni max-xiehda permezz tal-procedura tal-affidavit meta din saret parti mil-ligi procedurali taghna. Illi l-Giuseppi Falzon fin-noti tieghu **Annotazioni alle Leggi Criminali per l-Isola di Malta e sue Dipendenze** (1872) fisser ir-ratio ta' dina d-dispozizzjoni tal-ligi. Jispjega:

> *"Siccome l'oggetto o la materia del delitto sono la verità in quanto il testimonio la conosce, ed il diritto che ha la giustizia di saperla da lui, l'intenzione criminosa, esiste appunto perché contravviene scientemente a quest'obbligazione che ha di dire il vero."*

Fuq l-istess vena jghid l-Antolisei:

> *"L'autorità giudiziaria per assolvere i suoi compiti, ha bisogno di mezzi di prova e particolarmente di testimonianze, le quali debbono essere veritiere e complete, affinché possano essere emessi provvedimenti giusti, e cioé conformi alla lettera e allo spirito della legge. La testimonianza falsa e reticente può fuorviare l'attività giudiziara e per questa ragione viene sottoposta a pena. […] Oggetto della tutela penale é l'Amministrazione Della Giustizia alla veridicità e completezza di quel mezzo di prova che va sotto il nome di testimonianza".*[1]

[1] Parte Speciale – Reati Contro l'Amministrazione della Giustizia.

Illi minn dana l-bran jemergi ghalhekk dak illi l-legislatur ried jittutela meta t-testimonjanza falza giet inkorporata mar-reati kriminali. Fil-fatt dana r-reat jinsab taht it-Titolu tad-Delitti Kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u dana precizament peress illi l-ispergur jista' jwassal biss ghal *miscarriage of justice*, dana peress illi l-Gudikant ser jasal ghal gudizzju tieghu abbazi ta' fatti inveritjieri u foloz. Minn dana l-bran ukoll jemergu l-elementi legali li jsawru dana r-reat, kif ahjar esposti mill-Professur Mamo fin-notamenti tieghu dwar id-dritt penali fejn jelenka erba' elementi li huma essenzjali ghall-ezistenza ta' dana r-reat tal-*judicial perjury* cioé:

*"(i) a testimony given in a cause,*
*(ii) on oath lawfully administered by the competent authority,*
*(iii) falsity of such testimony in a material particular,*
*(iv) wilfulness of such falsity or criminal intent."*

Dwar l-ewwel element m'hemmx wisq x'jinghad. Dana johrog car mill-qari stess tad-dispozizzjoni tal-ligi li titkellem dwar dana r-reat. Jidher illi s-suggett attiv ta' dana r-reat huwa ovvjament ix-xhud. Ghalhekk qabel xejn irid ikun hemm xiehda li tinghata f'kawza pendenti quddiem Qorti tal-Gustizzja u dana fi proceduri gudizzjarji maghmula skont il-ligi. Dana ghalhekk jinkludi kull tip ta' stqarrija li ghandha valur probatorju ghar-rigward tal-fatti esposti. Il-Mamo jghid:

> *"It must be a cause that is to say contentious proceedings which call for a decision".*

It-tieni element jitkellem dwar l-element oggettiv tar-reat u cioé x-xiehda falza li trid tkun giet moghtija taht gurament li jigi moghti skont il-ligi minn awtorita' kompetenti ghaldaqstant. Kif jghidu l-awturi fosthom il-Manzini dina tista' tkun wahda minn tlett ipotesi u cioé: *"l'affermazione del falso, la negazione del vero o la reticenza"*[2].

Illi l-ahhar zewg elementi huma l-aktar tnejn importanti li jistghu jwasslu ghall-kundanna. Dana peress illi dawn jitkellmu dwar in-natura tax-xiehda li tinghata u l-intenzjoni tax-xhud.

[2] Capitolo XIX – Delitti Contro l-Amministrazione della Giustizia.

Ghalhekk fit-<u>tielet lok</u> il-falsita' trid tkun tirreferi ghall-**<u>fatt materjali u determinanti ghall-ezitu tal-kawza</u>**. Il-Mamo jghid:

> *"In all cases in order that the crime of false testimony may subsist, it is necessary that the falsity be material to the cause. … the law aims at ensuring the integrity of judicial trials and it is in violation of such integrity that the injury caused by the crime subsists. If therefore, the falsity falls upon circumstances which are entirely irrelevant to the cause and which, whether true or false, could in no way influence the result, the crime could not arise because no possibility of injury which alone justifies the punishment would exist."*

Ikompli jikkwota dak li jghid il-Maino:

> *"Perché sussista la falsa testimonianza … é necessario che le circostanze falsamente asserite o maliciosamente taciute **<u>siano pertinenti alla causa e influenti sulla decisione di questa</u>**."* (emfazi mizjuda)

Mamo jghid:

> *"If the falsity is material, that is to say could have effected the decision one way or the other, it does not matter that it has not in fact influenced such decision. All the authorities are unanimous that a crime of false testimony is complete so soon as a false deposition is made which is calculated to mislead the Court".*

Da parte tieghu, Antolisei jghid:

> *"Affinché possa farsi luogo alla punizione, per noi é necessario che la falsità sia giuridicamente relevante, il che significa che deve contrastare con lo scopo della norma incriminatrice. Siccome questa mira ad impedire che l'attività giudiziaria sia fuorviata, occorre che il fatto che é stato commesso abbia la possibilità di determinare tale risultato. Riteniamo, pertanto che la possibilità di influire sulla decisione giudiziaria sia requisito implicito del delitto in esame, requisito che si desume dalla ratio della norma o se si preferisce dalla oggettività giuridica del delitto*

*medesimo. Ne consegue che debbono considerarsi giuridicamente irrilevanti non solo le falsità che concernano circostanze estranee alla causa (non pertinenti, come si dice nel linguaggio forense) oppure insignificanti, ma anche tutte le altre che per la loro natura o per l'oggetto a cui si riferiscono* ***<u>non hanno alcuna possibilità di turbare il corso dell'attività giudiziaria</u>****."*[3] (emfazi mizjuda)

Ghalhekk kwalunkwe xiehda li m'ghandha l-ebda relevanza ghall-ezitu tal-kawza ghalkemm tista' tkun inveritjiera ma tista' qatt twassal ghar-reat tal-ispergur.

Fl-ahharnett irid ikun hemm l-intenzjoni kriminuza jew 'l hekk imsejha *mens rea* tax-xhud li jigdeb taht gurament. Ikompli l-Mamo:

*"The falsity must be deliberate and intentional, for, if incurred into from inadvertence or mistake it cannot constitute this crime. … Consequently in order that the crime in question may subsist it is necessary to prove in addition to the actual falsity and the possible injury to the due administration of justice, the criminal intent, a strong presumption of which arises when some advantage accrues to the deponent from his false deposition or if he was corrupted."*

L-istess jghid l-Antolisei:

*"Sull'elemento soggettivo di questo reato non sorgono difficoltà. Esso consiste nella coscienza e volontà di affermare il falso, di negare il vero, oppure di tacere, in tutto o in parte ciò che si sa. Naturalmente il dolo é escluso dall'errore di fatto, il quale puó essere anche determinato da dimenticanza, come di frequente accade in pratica."*

Il-Maino wkoll isostni:

[3] *Ibid.*

*"L'elemento intenzionale del delitto di falsa testimonianza e* ***la coscienza di mentire o di nascondere la verità****. … Qualunque errore o dimenticanza esclude il dolo in questo reato, e l'apprezzamento di modesto dolo depende dalle circostanze."*[4] [emfazi mizjuda]

L-awturi huma kollha konkordi, fis-sens illi sabiex jissussisti dana r-reat bilfors illi x-xhud irid ikollu l-intenzjoni doluza u cioé irid volontarjament u bil-hsieb jixhed il-falz jew ma jghidx il-verita'. Jekk hija nieqsa dina l-intenzjoni allura l-ebda xiehda nveritjiera ma tista' twassal ghal xi sejbien ta' htija ghal dana d-delitt.

Illi fid-decizjoni moghtija fit-23 ta' Jannar 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Bianco** l-Qorti tal-Appell Kriminali kkummentat dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda. Il-Qorti qalet:

"Din il-Qorti kellha okkazjoni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit ecitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' dak l-ambjent izda jkunu qegħdin jixhdu in *rebus suis*, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakkontaw episodju li għalihom kien trawmatiku – ma rat xejn *"nevrasteniku"* jew isteriku fix-xiehda ta' John Bonello. Id-diskrepanzi zgħar bejn ix-xiehda ta' John Bonello u dik tal-Avukat Irene Bonello, li baqgħu għalkemm, kif jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu, *"zgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il-kaz u jfakkru lil xulxin x'gara dakinhar tal-allegat incident"*, aktar milli sinjal illi x-xiehda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xiehda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u kienu onesti bizzejjed biex ma jikkorregux il-verzjonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, għalkemm kellhom okkazjoni jagħmlu hekk u għalkemm setgħu jobsru illi d-diskrepanzi x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huma ħaga normali u, sakemm fis-

[4] Commento al Codice Penale – Dei Delitti Contro l-Amministrazione della Giustizia.

sostanza x-xiehda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xiehda għandha tigi skartata".

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- Fid-depozizzjoni tieghu (Dok. "LGF" – *a fol.* 67 *et seq*.), moghtija fid-9 ta' Ottubru 2013 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili preseduta mill-Imhallef Anthony Ellul fil-kawza fl-ismijiet **Michael Fenech *noe* vs. Lawrence Ciantar *et noe*,** l-imputat cahad li kien jaf lil Michael Angelo Fenech u lil Alfred Fenech. Jghid li qatt ma kellimhom f'hajtu. Meta gie suggeriet lilu li ltaqa' ma' Michael u Alfred Fenech il-Belt Valletta ftit tax-xhur qabel, wiegeb: *"Jien nerga' ntenni li ma nafhomx lil dawn it-tnejn min-nies"* (*a fol.* 69). Meta gie ndikat Michael Fenech fl-awla, qal li ma jafux. Jghid li hu zgur li hu cert li ma jafux. Meta mistoqsi jghid jekk jistax ikun li nesa, wiegeb: *"le, jien ma ninsiex"* (*a fol.* 69). Jghid ukoll: *"Qed nigi mistoqsi jekk hux minnu li jien ltqajt ma' xi hadd ta' Fenech xi xahar u nofs ilu l-Belt u ghidtilhom li jien mhux ser nixhed nghid nichad li jien ghidt hekk. Diga' ghid lil ta' Fenech ma nafhomx"* (*a fol.* 69).

- Fl-affidavit tal-imputat (Dok. "EGF 1" – *a fol.* 23 *et seq*.) li gie ipprezentat fil-kawza **HSBC Bank Malta plc vs. Tal-Barrani Company Limited et,** l-imputat jghid li ilu jaf lil Michael Angelo Fenech u lil Alfred Fenech hamsa u tletin (35) sena. Jghid: *"Jiena ili naf lil Kelly [Michael Angelo Fenech] u Alfred Fenech 35 sena u ghalhekk cempilt lil Kelly u staqsejtu x'irid tal-art tal-Barrani bhala prezz ghall-kumpanija Tal-Barrani Co. Ltd biex tbiegh kull ma ghandha. […] Jien avzajt lil Michael Axisa li Kelly ried miljun u Michael Axisa qalli biex niltaqghu u nitkellmu ahna t-tlieta izda Kelly rrifjuta meta stedintu ghal din il-laqgha"* (*a fol.* 26).

- L-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Rennie Stivala jixhed li minkejja li meta baghat ghall-imputat hu kien spjega kollox verbalment, meta giet biex tigi miktuba l-istqarrija tieghu, l-imputat ghazel li ma jirrispondiex. Dan gie konfermat ukoll minn PS 476 Shaun Paul Friggieri li kien prezenti meta gie msejjah l-imputat biex jirrilaxxa stqarrija. F'din l-istqarrija (*a fol.* 9 *et seq*.), li ma

gietx iffirmata mill-imputat, ghad-domanda: *"Li kieku inti fix-xiehda tieghek ta' Ottubru 2013 ghidt li taf lill-ahwa Fenech, x'kien se jibdillek?"* (*a fol.* 10), l-imputat wiegeb: *"Ma rridtx ninten u lanqas infuh"* (*a fol.* 10).

- Michael Angelo Fenech xehed kif lill-imputat ilu jafu bejn hamsa u tletin (35) u erbghin (40) sena. Fid-depozizzjoni tieghu jghid kif jafu lil xulxin. Meta gie mistoqsi jghid fuq liema livell jitkellmu meta jitkellmu, jghid li jitkellmu fuq livell ta' hbiberija. Jghid li hu (Michael Angelo Fenech) kien prezenti fl-awla quddiem l-Imhallef Ellul meta l-imputat qal li ma jafhomx u dana minkejja li Imhallef stess beda jistaqsi lill-imputat jekk jafhomx u li l-Imhallef beda juri lilu, lil huh u lil Michael Fenech (it-tifel ta' huh) fl-awla.

- Alfred Fenech (hu Michael Angelo Fenech) ikkonferma li meta kienu quddiem l-Imhallef Ellul u l-imputat gie mistoqsi jghid jekk jafhomx, huwa wiegeb fin-negattiv. Jghid li lill-imputat ilu jafu mis-snin sebghin u jispjega kif jafu lil xulxin.

- Michael Fenech (iben Alfred Fenech) xehed kif lill-imputat ilu jafu mindu hu (Michael Fenech) kien ghadu zghir hafna. Jghid: *"Naf li l-familja tieghi kienet tforni lill-familja tieghu prodotti tal-fuel pitrolju peress li l-papa tal-akkuzat kien ibiegh il-pitrolju f'diversi lokalitajiet fis-south ta' Malta"* (*a fol.* 122). Jispecifika li ilu jafu mindu kellu hames snin. Jispjega li minkejja li quddiem l-Imhallef Ellul l-imputat cahad li kien jafhom sew, jghid li dan ma kienx minnu tant li jispecifika li fis-16 ta' Mejju 2013 hu u zijuh Michael Angelo Fenech iltqaghu u tkellmu mal-imputat l-belt Valletta u jghid li kienu fejn it-Teatru l-imwaqqa'.

- Da parte tieghu, meta l-imputat Generoso Sammut xehed huwa qal li lill-ahwa Fenech ilu jafhom madwar hamsin sena. Fir-rigward ta' Michael Fenech jghid li jafu ghax ikun ma' missieru u jghid li ilu jafu madwar ghoxrin sena. Spjega fejn u kif jaf lill-ahwa Fenech. Fid-depozizzjoni tieghu spjega ghala meta xehed quddiem l-Imhallef Anthony Ellul qal li ma riedx ikollu x'jaqsam kemm ma' wiehed u anqas mal-iehor. Jghid li kellu

biza' kbir minhabba dak li ghamel riferenza ghalih fid-depozizzjoni tieghu, sommarju ta' liema sar aktar il-fuq f'din is-sentenza u li, a skans ta' ripetizzjoni, mhux ser jigi ri-prodott hawnhekk. In kontro-ezami jghid: *"Gibidli l-attenzjoni Sur Magistrat imma jien ma kellix interess li nixhed la wiehed u anqas l-iehor"* (*a fol.* 138). Jghid li dakinhar kellu biza'. Jghid: *"jien ma ridtx li nigi martri bhalma kien ser jigri lil huh, dik kienet ir-raguni li jien quddiem l-Imhallef li jien ghidt ma nafhomx"* (*a fol.* 139).

- F'Dok. "TA" (*a fol.* 92 *et seq.*) ipprezentat mid-difiza, Generoso Sammut jghid, fost l-ohrajn: *"Jiena ghidt li ma nafhomx ghax bzajt li se joqtluni"* (*a fol.* 93).

- Meta Michael Axisa gie mistoqsi jghid jekk l-imputat jafx lis-sinjuri Fenech, wiegeb: *"Ma nafx jien huma gie li semmew ismu mieghi u hu gie li semma' isimhom l-ahwa Fenech mieghi"* (*a fol.* 157). Filwaqt li jikkonferma li l-imputat kien qallu li kellu xi haga l-Qorti ma' Fenech jghid li ma jiftakarx x'inghad dwar il-kawza. Jghid: *"Deher inkwetat ghax kienu qed jaghtuh hard-time qalli"* (*a fol.* 158). Mistoqsi jghid jekk issemmielux diskors rigward xi theddid jew riskju, wiegeb: *"Ma jidhirlix taf"* (*a fol.* 158).

- Jirrizulta li l-inkontru mal-eks Agent Kummissarju Raymond Zammit sar f'nofs iz-zmien li Zammit kien jokkupa tali kariga u cioé bejn Lulju 2014 u Dicembru 2014.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, ma ghandux ikun hemm dubju li effettivament l-imputat ma qalx il-verita' quddiem il-Prim'Awla Qorti Civili preseduta mill-Imhallef Anthony Ellul fid-9 ta' Ottubru 2013 meta huwa cahad li kien jaf lis-sinjuri Fenech.

Jirrizulta li l-proceduri quddiem l-Imhallef Anthony Ellul jirrigwardaw valur konsiderevoli ta' miljuni ta' flus. Dan jirrizulta minn Dok. "EF 1" (*a fol.* 106 *et seq.*). Michael Angelo Fenech xehed li minkejja l-fatt li l-imputat qal li ma jafhomx huwa qed jipprova jgib li dak li ntqal fuq it-*tapes* mhux minnu u b'hekk huma jistghu jitilfu l-kawza u dana *stante* li l-verzjoni taghhom setghet tigi ritenuta

mhux kredibbli. Da parte tieghu, Alfred Fenech jaghmel riferenza ghal *tapes* koncernanti allegazzjonijiet li saru fil-konfront tieghu u ta' huh u li waslu biex l-Enemalta twaqqafhom mix-xoghol. Alfred Fenech jghid ukoll li meta l-imputat qal li ma jafhomx, huma gew mpoggija f'sitwazzjoni fejn qed jixhdu hazin.

Illi l-Qorti sejra issa taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija fit-22 ta' Ottubru 2001 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Marzouki Hachemi Beya Bent Adbellatif** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Il-Qorti, ghalhekk ezaminat l-atti sewwa u ghalkemm hemm indikazzjonijiet li l-appellanti kienet imbezza' minn xi haga, din pero' ma wasletx lill-Qorti sabiex tkun konvinta, imqarr fuq bazi ta' probabbilta', li tali biza' taghha kien dovut minn xi forza barranija irrezistibbli. Veru hemm provi li juru li kien hemm cirkostanzi li xi ftit jew wisq minhabba fihom l-appellanti kienet qed thossha mhedda hi stess jew ghall-membri tal-familja taghha. Per ezempju, f'intervall qasir graw zewg imwiet ta' xi membri familjari ta' l-appellanti f'cirkostanzi daqxejn dubjuzi li hi qed tattribwixxi bhala parti minn din il-forza barranija gejja fuqha minn haddiehor. Jezistu cirkostanzi li jwasslu ghal certu grad ta' biza', dana m'hemmx dubju tieghu. Izda kif gie ritenut diversi drabi, dikjarazzjonijiet ripetuti ta' biza' m'humiex bizzejjed sabiex tirnexxi din il-linja difensjonali. Mill-assiem tal-provi fl-atti, ghalkemm jirrizulta li l-appellanti kellha xi forma ta' biza' minn xi haga, dan il-fatt, izda, ma wassalx lil din il-Qorti li tkun konvinta sal-grad tal-probabbli li l-appellanti ghamlet dawk l-atti materjali l-ghaliex kienet gravement jew serjament mhedda minn xi haddiehor fis-sens li jekk ma taghmilx dak li fil-fatt ghamlet, kien sejjer ikun hemm xi konsegwenzi serji jew fatali ghaliha jew ghall-membri tal-familja taghha. Ma jirrizultax sal-grad tal-probabbli, per ezempju, li din kienet xi forza li ghalkemm barranija, u forsi serja jew gravi wkoll, kienet xi forza irrezistibbli. Anzi, il-Qorti tara li l-appellanti kellha kull cans jew opportunita' li taghmel xi

haga, anke l-icken sforz, sabiex tehles minn din il-forza barranija billi taghmel rapport lil xi awtorita' kompetenti, kemm barranija kif ukoll f'Malta. Dan ma ghamlitux. Ghalhekk il-Qorti tara li fil-kaz in ezami din il-linja difensjonali tal-koazzjoni, jew tal-*coercion*, ma treggiex …".

Illi, mehud in konsiderazzjoni dak li nghad hawn fuq, u mehuda in konsiderazzjoni l-fatti li jirrizultaw fil-kawza odjerna, il-Qorti tinnota li l-imputat jghid li kellu l-biza' li jsemmi fid-depozizzjoni tieghu u minkejja li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-atti kollha processwali, inkluz dawk li jsiru riferenza ghalihom fid-Digriet tal-5 ta' Frar 2018 (*a fol.* 173 u 174) (u dana minkejja li dawn id-dokumenti ma gewx indikati bhala vera kopja tal-original – ghajr ghal Dok. "GA 2" – *a fol.* 163 u 164), il-fatt jibqa' li l-imputat halef il-falz quddiem l-Imhallef Anthony Ellul.

Illi l-Qorti setghet tinnota li tul id-depozizzjoni moghtija mill-imputat, ghad-domandi li hu ma riedx iwiegeb, l-imputat wiegeb diversi drabi li ma kienx jiftakar. Minkejja l-fatt li fid-depozizzjoni tieghu l-imputat isemmi l-isparatura diversi drabi, il-Qorti tistghageb kif kien biss wara li l-Imhallef Anthony Ellul ordna li l-imputat Generoso Sammut jigi nvestigat dwar tehid ta' gurament falz li huwa mar ikellem lill-Agent Kummissarju Raymond Zammit. Di fatti, l-imputat jixhed li meta huwa kien kellem lil Dr. Tonio Azzopardi rigward l-isparatura kien diga tela' jixhed fil-proceduri quddiem l-Imhallef Anthony Ellul. Ma' dan il-Qorti zzid ukoll li l-imputat innifsu jghid li lill-Imhallef Ellul ma qallux li kien qed jibza' u hu jikkonferma wkoll li ma talab l-ebda forma ta' protezzjoni – la minn ghand il-Qorti u anqas minn ghand il-Pulizija! In fatti, l-Agent Kummissarju Raymond Zammit ma ghamel l-ebda riferenza ghal xi talba ta' protezzjoni li l-imputat Sammut kien ghamillu f'dan ir-rigward u dana *stante* li talba simili ma jirrizultax li saret. Is-Sur Zammit qal, fost l-ohrajn, li kellu xi punti ghab-bazi ta' dak li nghad lilu mill-imputat.

Illi minkejja li fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 190 *et seq.*) id-difiza telenka r-ragunijiet ghal biza' li hakmet lill-imputat, ma jirrizultax dak li nghad fis-sentenza kwotata hawn fuq **Il-Pulizija**

**vs. Marzouki Hachemi Beya Bent Adbellatif** u cioé ma jirrizultax sal-grad tal-probabbli, per ezempju, li dak li jaghmel riferenza ghalih l-imputat fid-depozizzjoni tieghu kienet xi forza li ghalkemm barranija, u forsi serja jew gravi wkoll, kienet xi forza irrezistibbli. B'hekk il-linja difensjonali kif mitluba fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza (*a fol.* 190 *et seq.*) mhux ser tigi accettata u lanqas m'hu ser jigi applikat Artikolu 33(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif mitlub mill-istess difiza.

Ghaldaqstant, tenut kont tal-fatt illi x-xiehda moghtija mill-imputat Generoso Sammut fil-proceduri li kienu qed jinstemghu quddiem l-Imhallef Ellul m'ghandhiex mis-sewwa u ghalhekk jirrizulta li huwa halef il-falz, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, jirrizulta li l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Ksur ta' Provedimenti ta' Sentenza ta' Liberta' taht Kundizzjoni)</u>:**
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qieghed jigi akkuzat li kiser il-provedimenti tas-sentenza ta' liberta' taht kundizzjoni. L-imputazzjoni taghmel riferenza ghal sentenza moghtija fit-23 ta' Mejju 2013 mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli. Ghandu jinghad li vera kopja ta' din is-sentenza giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "RS 1" (*a fol.* 39 *et seq.*). Il-Qorti tinnota li l-konnotati tal-persuna kontra min inghatat din is-sentenza huma identici ghal dawk tal-imputat fil-kawza odjerna. Jirrizulta li t-terminu ta' liberta' kondizjonata ta' sentejn moghti fis-sentenza msemmija kien ghadu ghaddej fid-data li ssir riferenza ghaliha fic-*charge sheet*, cioé fid-9 ta' Ottubru 2013. Ghaldaqstant isegwi li anke t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati wkoll ta' din l-imputazzjoni.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Recidiva)</u>:**
Illi l-Qorti tinnota li l-atti processwali jikkontjenu vera kopji tas-segwenti erba' sentenzi:

(a) Sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera fit-3 ta' Marzu 2010 (Dok. "RS" *a fol.* 36 *et seq.*);

(b) Sentenza moghtija mill-Imhallef David Scicluna fit-22 ta' Gunju 2011 (Dok. "RS 3" - *a fol.* 46 *et seq.*);

(c) Sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Edwina Grima fid-19 ta' Settembru 2012 (Dok. "RS 2" – *a fol.* 41 *et seq.*); u

(d) Sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli fit-23 ta' Mejju 2013 (Dok. "RS 1" – *a fol.* 39 *et seq.*).

Illi filwaqt li l-konnotati tal-persuna kontra min inghataw is-sentenzi hawn fuq imsemmija f'paragrafi (a), (c) u (d) huma identici ghal dawk tal-imputat fil-kawza odjerna, fir-rigward tas-sentenza msemmija f'paragrafu (b), il-Qorti tinnota li fis-seduta tal-15 ta' April 2015 (*a fol.* 64) id-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' xhud dwarha. Ghaldaqstant, tenut kont ta' dak li ghadu kemm inghad, ma ghandux ikun hemm dubju li s-sentenzi msemmija gew moghtija fil-konfront tal-imputat fil-kawza odjerna.

Illi l-Qorti tinnota li filwaqt li fis-sentenza li ssir riferenza ghaliha f'paragrafu (a) l-imputat gie kkundannat ghal hlas ta' multa u ma giex pruvat jekk din gietx imhallsa u b'hekk ma jirrizultax li l-piena giet skontata skond kif jirrikjedi Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta[5], fis-sentenza li ssir riferenza ghaliha f'paragrafu (d) l-imputat gie liberat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn[6]. Ghall-kjarezza, il-Qorti ser tikkunsidra li l-imputat huwa recidiv *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba s-sentenzi li jsiru riferenza ghalihom fil-paragrafi (a), (b), u (c) hawn fuq isemmija u ser tikkunsidra li l-imputat huwa recidiv *ai termini* ta' Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba s-sentenzi li jsiru riferenza ghalihom fil-paragrafi (b) u (c) hawn fuq imsemmija.

---

[5] *Vide* sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Lulju 2015 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Said.**

[6] *Vide* sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' April 2008 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Zahra**.

**Ikkunsidrat**

Illi jsegwi li l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat jirrizultaw sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali tal-imputat (*a fol.* 3 *et seq.*) (li mhijiex wahda nadifa xejn) u l-akkuzi serji addebitati fil-konfront tal-imputat u li gew pruvati fil-kawza odjerna. Huwa abbuz serju tas-sistema guridika li xhud f'kawza jaghmel dak li jistipula l-Artikolu 106 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta bl-intenzjoni cara li jqarraq bil-Qorti u jistultifika r-retta amministrazzjoni tal-gustizzja. L-imputat kien obbligat li jiddeponi s-sewwa, s-sewwa kollu u xejn hlief is-sewwa minghajr limitazzjoni. Il-Qorti trid tqis ukoll li x-xorta tar-reat li jemergi mill-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat jimmina serjament l-amministrazzjoni tal-gustizzja u ghalhekk irid jigi trattat konformement u mhux b'mod legger (*Vide* Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Emmanuel Degiorgio** deciz fid-29 ta' Mejju 2003). Minhabba l-akkuza tar-recidiva (taht l-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta), li tirrizulta pruvata, il-Qorti ma tistax taghti sentenza ta' prigunerija sospiza fil-konfront tal-imputat u mhijiex tal-fehma li ghandu jigi applikat l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti m'ghandhiex alternattiva hlief li timponi piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputat. Ghal dan il-ghan, il-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni moghtija fit-3 ta' Ottubru 2014 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Piu Attard**.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 49, 50, u 106(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Generoso sive Jimmy Sammut hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sittax (16) il-xahar prigunerija.

*In oltre*, il-Qorti qieghda tordna l-interdizzjoni generali tal-imputat Generoso sive Jimmy Sammut kif ukoll l-interdizzjoni milli jservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja u milli jservi bhala perit ghall-perijodu ta' ghaxar (10) snin.

_________________________

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

________________________

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**